XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 392*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 20*
*Il-Tnejn 20 ta' April, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fit-2.45pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*

*Skużat:* *Mr Hubert Saliba*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numri 388, 389, 390 u 391 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

## 1. Laqgħa mal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet qalet lil ħaddiema assenjati mal-Kunsill biex jiġu għal din il-laqgħa biex niddiskutu dwar kif għandu jitqassam ix-xogħol peress li issa irridu nibdew ix-xogħol fl-għassa tal-pulizija kif kien miftiehem mas-Supretendent Simon Galea fl-aħħar laqgħa. Preżenti kien hawn Martin Grima, Mario Zammit u Mario Bosios. Michael Buttigieg kien bil-leave u għalhekk m'attendix għal din il-laqgħa. Wara diskussjoni kif se jitqassmu l-ħaddiema, Martin Grima u Mario Zammit qablu li huma għandhom jagħmlu x-xogħol meħtieġ fl-għassa tal-pulizija. Mario Bosios u Michael Buttigieg ser ikomplu jagħmlu xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix fit-toroq mhux urbana u xogħol ieħor li jkun hemm bżonn.

## 2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-13

## 3. Attendenza ta' Kunsillier

Il-Kunsilliera Marthese Portelli attendiet anqas minn terz tal-laqgħat fl-aħħar sitt xhur u għalhekk anqas mill-minimu stipulat fil-liġi tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera Marthese Portelli qalet li hija kienet assenti minn dawn il-laqgħat peress li kienet tkun xogħol u għalhekk ma setgħetx tagħmel mod ieħor. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attendenza tal-Kunsilliera Marthese Portelli. Is-Sindku qalet li tifhem is-sitwazzjoni tal-Kunsilliera Marthese Portelli. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Teddy Mizzi qablu mas-Sindku u għalhekk il-Kunsill se jirrakomanda lill-Ministru sabiex ma jiddikjarax dan il-post bħala vakant.

XEWKIJA

## 4. Budget 2009/10, Business Plan 2009/12 u Laqgħa Pubblika 2008/09

Is-Segretarju għadda kopja tad-dokumenti tal-Budget 2009/10 u Business Plan 2009/12 lill-membri kollha tal-Kunsill. Dawn għandhom jiġu diskussi u approvati wara li ssir l-Laqgħa Pubblika. Il-Kunsill qabel li l-Lagħa Pubblika ssir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2009 fis-7.00pm.

## 5. Materja oħra

i. Joe Attard bgħatt l-istima tiegħu biex isir it-tindif fl-inħawi tal-Ħorob. L-istima hija ta' €512. Il-Kunsill qabel ukoll li barra t-tindif, Joe Attard għandu jiġi ordnat biex jillivella t-triq peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku pproponiet ukoll sabiex fl-istess inħawi tal-Ħorob għandha ssir bankina u anke jitħawlu siġar u b'hekk jiġi evitat li jkompli jintefa' skart u terrapien. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Peress li bħalissa m'għandnix il-fondi meħtieġa biex nagħmlu dan ix-xogħol il-Kunsill qabel li napplikaw għal fondi mill-Urban Improvement Funds. Il-Perit Saliba se jiġi mitlub biex jagħmel pjanta u stima tal-ispejjeż involuti biex inkunu nistgħu napplikaw għal dan il-proġett.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li rċeviet diversi lmenti dwar Triq Ballata peress li hija mudlama. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex teħel lampa ġdida.

*(F'dan il-ħin il-Kunsilliera Marthese Portelli nformat lill-Kunsill li ma setgħetx toqgħod aktar għal din il-laqgħa u għalhekk ħarġet mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

iii. Kelinu Attard ta' Triq Ċanga talab biex terġa' teħel ir-road hump li l-Kunsill kellu jaqla' wara ordni tal-ADT. Għaldastant is-Sindku u l-Viċi Sindku ma qablux li għandna nitolbu l-approvazzjoni lill-ADT biex terġa' teħel din r-road hump. Il-Kunsillier Teddy Mizzi astjena dwar din il-proposta. Għalhekk ġie deċiż li ma ssirx applikazzjoni għal road hump ġdida fi Triq Ċanga.

iv. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien irċieva lmenti dwar l-istat ta' Triq Rotunda. Din hija triq ġdida u għalhekk responsabilta tal-Gvern Ċentrali. Peress li minn naħa tal-Gvern Ċentrali mhux qed isir xogħol ta' manutenzjoni f'din it-triq, il-Kunsill qabel li ngħidu lil Joe Magro biex jillivella din it-triq permezz tal-gaffa u romblu.

v. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn li nerġgħu inħawlu fjuri ġodda madwar il-monument ta' Triq Widnet il-Baħar. Il-fjuri se jinxtraw minn għand il-Ġardina.

vi. Is-Sindku pproponiet li ssir attivita fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se tieħu ħsieb biex torganizza din l-attivita. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tippermettix li jintefqu flus fuq affarijiet li ma humiex funzjonijiet statutorji u għalhekk din l-attivita trid issir mingħajr ma tkun ta' piż finanzjarju għall-Kunsill.

vii. Nicky Formosa ta' Ozzie Dreams, Triq Torri Tingi talab sabiex issir il-bankina tiegħu peress li tiżloq. Huwa qal li l-bankina li għandu ilha li saret madwar sitt snin u li hemm

bżonn li ssir mill-ġdid. Il-Kunsill qabel li din il-bankina tidħol fil-lista ta' bankini pendenti li għandna biex isiru mill-WD.

viii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fit-28 ta' Marzu 2009 attendiet għal-laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex dwar il-'Community Work Scheme' fejn persuni li jkunu qed jirreġistraw jistgħu jingħataw lill-Kunsilli Lokali biex jagħmlu xogħol fir-raħal tagħhom.

ix. Fit-30 ta' Marzu 2009 is-Sindku attendiet għal-laqgħa mas-Supretendent Simon Galea, li saret fl-Għassa tal-Pulizija r-Rabat Għawdex. Fost affarijiet oħra matul din il-laqgħa ġew diskussi x-xogħlijiet li jridu jsiru fl-għases.

x. Fit-2 ta' April 2009 is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa fis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Sta Venera Malta, dwar l-iskema ta' inizjattivi sportivi. Din il-laqgħa kienet dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-istess skema imsemmija.

xi. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li attendiet għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar Infurzar tal-Liġi li saret fl-NGO Center nhar it-3 ta' April 2009.

xii. Nhar is-6 ta' April is-Sindku attendiet għal-laqgħa tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini.

xiii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li attendiet għal-laqgħa fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex dwar Drug Abuse. Din il-laqgħa saret fis-7 ta' April.

xiv. Fis-7 ta' April is-Sindku attendiet għal-Laqgħa dwar fondi mill-Unjoni Ewropea ma' Maria Schembri u Lavinia Cassar tal-Meusac. Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju tal-Kunsill.

xv. Nhar id-9 ta' April is-Sindku attendiet għal-laqgħa mal-Av. Joseph Grech (li kien qed jidher f'isem Gozo Cottage) li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill. F'din il-laqgħa ġie diskuss il-ftehim li l-Kunsill għandu ma' Gozo Cottage dwar is-siġar taż-żebbuġ ta' Ġnien ta' Blinkas.

**6. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Carmen Muscat infurmat lill-Kunsill dwar artista (kantanta) mix-Xewkija, Alessia. Carmen Muscat hija parti mill-Management ta' Alessia u qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill biex ikun possibbli li jinħareġ it-tieni Single tagħha. Il-Kunsill qabel li għandu jippromwovi artisti mix-Xewkija u jinkoraġġihom biex jiksbu suċċess kemm għalihom personali kif ukoll għar-raħal tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lil Carmen Muscat biex naraw x'tip ta' għajnuna jixtiequ minn għand il-Kunsill.

ii. L-Onor. Dr Stefan Buontempo, Kelliemi Ewlieni Laburista għall-Gvern Lokali stieden lill-Kunsill biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar il-kontenut tad-dokument "Biex il-Kunsill jagħtik l-aqwa servizz". Il-Kunsill qabel li kull min għandu kummenti dwar dan

is-suġġett għandu jgħaddihom lis-Segretarju Eżekuttiv li minn naħa tiegħu jgħaddihom lill-Onor. Dr Stefan Buontempo.

iii. Charles Azzopardi bgħatt ittra lill-Kunsill fejn talab li jingħata €42.74 li ingħataw inqas mill-Kunsill bħala ħlas dwar il-party tal-Milied tat-tfal. Il-Kunsill kien iddeċieda li flokk iħallas l-ammont ta' €442.74 iħallas €400 għar-raġuni li l-kont tad-drinks kien ġie għoli. Fl-ittra tiegħu Charles Azzopardi qal li huwa żamm bil-€0.46c għal kull tazza drink. Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-ittra u qabel i għandu iżomm l-istess deċiżjoni li kien ħa u għalhekk mhux ser iħallas l-ammont ta' €42.74. Charles Azzopardi se jiġi nfurmat dwar dan.

iv. Il-Kumitat Żgħażagħ Xewkija fi ħdan il-Banda Prekursur talab l-għajnuna tal-Kunsill biex għal darb'oħra jittella' Gozo Talent Festival li jsir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill qabel li ngħinu fl-organizzazjoni ta' dan il-Festival iżda ma nagħmlux aktar minn €115 bħala spejjeż u b'hekk ma nitfgħux piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

v. Laurie Zammit f'isem KIP Għawdex Ltd informa lill-Kunsill dwar tfigħ ta' terrapien fil-Bin on Wheel li hemm fi Triq Widnet il-Baħar. Huwa qal li l-istess bin on wheel kellu jinbidel peress li bit-terrapien ġie mkisser. Il-Kunsill qabel li għandna navżaw lill-KIP Għawdex Ltd biex jagħmlu tabella/sticker mal-istess bin on wheel kemm li hemm fi Triq Widnet il-Baħar u anke l-oħrajn, fejn jindikaw x'tip ta' skart jista' jintefa' fihom. B'hekk l-abbużi għandhom jieqfu u min jinqabad jabbuża jittieħdu l-passi meħtieġa.

vi. Fr Charles Cini SDB informa lill-Kunsill dwar il-ktieb bl-isem 'Ruins of a Megalithic Temple at Xeuchia, First Report'. Huwa qal li għandhom 1000 ktieb għal bejgħ bi prezz ta' €40. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw dan il-ktieb. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Fr Charles Cini sabiex jibgħatilna ktieb u wara jiġi deċiż kemm il-ktieb għandna nordnaw.

vii. L-Assistent Direttur Għall-Gvern Lokali s-Sur James Catania nforma lill-Kunsill dwar ħaddiem li se jiġi jaħdem mal-Kunsill taħt l-iskema tal-IPSL. Fil-fatt dan il-ħaddiem, Mario Bosios, beda xogħol mal-Kunsill minn nhar l-Erbgħa l-1 ta' April. Dan il-ħaddiem qiegħed mal-Kunsill fuq bażi temporanja u qed jagħmel xogħol flimkien mal-ħaddiema l-oħra li għandna assenjati magħna.

viii. Id-Dipartiment tal-Artijiet informa lill-Kunsill li għandu jħallas €2096.46 bħala kera dovuta dwar il-playing field ta' Triq Ħamrija. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas din il-kera peress li dan huwa post pubbliku u kien diġa jitgawda mill-pubbliku nġenerali sa minn qabel twaqqfu l-Kunsilli Lokali.

ix. Il-Kunsill irċieva l-kwotazzjonijiet dwar vettura biex tintuża meta jkun qed isir l-iskav f'Għar ix-Xiħ. L-istimi huma ta' AEL Car Rental (€28 kull ġurnata), Adventure Rent a Car (€35 kull ġurnata) u ta' L&R Garage (€28 kull ġurnata). Il-Kunsill qabel li għanda tiġi aċċettata l-aktar stima vantaġġjuża li hija ta' AEL Car Rental.

x. Dwar l-iskav ta' Għar ix-Xiħ, il-Kunsill irċieva wkoll kwotazzjonijiet dwar akkomodazzjoni għall-istudenti li ser ikunu jaħdmu fuq dan is-sit. L-istimi huma ta'

Ulysses Apart Hotel (€67 għal kull lejl fuq bażi full-board), Mariblu (€35 għal kull lejl fuq bażi full-board) u ta' St Joseph Home Hostel (€21.75 għal kull lejl fuq bażi full-board). Il-Kunsill qabel li għanda tiġi aċċettata l-aktar stima vantaġġjuża li hija ta' St Joseph Home Hostel.

xi. Antoine Vassallo, Segretarju tal-Local Action Group informa lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex li l-Kumitat qed jipprepara biex japplika biex jiġi rikonoxxut bħala LAG ta' Għawdex. Huwa talab lill-Kunsilli Lokali u l-membri l-oħra biex iħallsu l-membership fee ta' €100. Il-Kunsill qabel li nitolbu aktar informazzjoni dwar dan il-Kumitat.

xii. Banda Prekursur talbu lill-Kunsill biex jinfurmahom jekk hux se jiġi organizzat id-defile taż-żwiemel fi żmien il-festa ta' San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li dan id-defile ilu jsir minn kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill u għalhekk din is-sena għandu jsir ukoll. Banda Prekursur se jiġu nfurmati dwar dan.

Il-Laqgħa spiċċat fil-4.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2009 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |